SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2020-2021

## Il-Ħames Sena

MALTI - TAĦRIĠ MILL-QARI    Ħin: 50 minuta

Isem:________________________________________

Klassi: ______________________

Nru tar-Reġistru: ___________

| Marka Totali |
|---|
| ____ |
| 30 |

**L-Ewwel Taqsima** (10 marki)

**Mill-Baqra għall-Pakkett : Il-Ħalib**

1. Il-ħalib fih ħafna sustanzi. Importanti li kuljum nixorbu minnu. Dan jgħinna nsaħħu wkoll l-għadam kif ukoll is-snien għaliex jagħtina l-kalċju.



2. Għal żmien twil il-Maltin kienu jieħdu l-ħalib tal-mogħża jew tan-nagħġa. Ir-raħħala kienu jduru fit-toroq tal-ibliet u l-irħula bil-merħliet tagħhom jbigħu l-ħalib billi annimali skont il-



3.



Ġara li ħafna nies bdew jimirdu bil-marda tad-deni irqiq. Min jimrad bid-deni rqiq jibda jitlagħlu ħafna deni f'daqqa u din il-marda tista' tmut biha.

4. 

Sir Temi Zammit, tabib għaref Malti skopra dan il-mikrobu fil-ħalib. Huwa ssuġġerixxa li n-nies jibdew jgħallu l-ħalib qabel ma jixorbuh jew jagħmluh ġbejniet.

5. Fl-istess żmien, fi Franza kien hemm tabib magħruf jismu Louis Pasteur li beda l-proċess tal-ħalib li jgħalluh u jkessħuh f'daqqa sabiex jinqatel kull mikrobu li jista' jkun fih.



6. Dan il-proċess baqa magħruf bħala pasturizazzjoni. Illum il-ġurnata il-ħalib li nixtru fil-pakketti huwa żgur tajjeb għalina għaliex dejjem ikun ippasturizzat.



**A. Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba. (3 marki)**

1. Il-ħalib fih ħafna (kalċju, minerali, valuri).
2. Sir Temi Zammit kien (Malti, Amerikan, Taljan, Franċiż).
3. Xi nies kienu jimirdu bid-deni (qawwi, oħxon, irqiq).

**B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓taħt VERU jew FALZ, skont l-informazzjoni mogħtija. (4 marki)**

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Il-ħalib huwa importanti li nixorbuh darba fil-ġimgħa. | | |
| 2. Il-Maltin kienu jixorbu l-ħaliba tan-nagħġa. | | |
| 3. Ħafna niex bdew jimirdu bid-deni oħxon. | | |
| 4. Fi Franza kien hemm tabib li skopra il-mikrobu fil-ħalib tal-mogħoż. | | |

**Ċ. Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tkompli n-numru fil-kaxxa l-vojta, skont dak li qrajt fis-silta. L-ewwel waħda hija lesta.** (3 marki)

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. In-nies li bdew jimirdu | | l-għadam kif ukoll is-snien. |
| 2. Il-ħalib jgħinna nsaħħu | | magħruf bħala pasturizazzjoni. |
| 3. Sir Temi Zammit ssuġġerixxa | 1. | beda jitlagħlhom ħafna d-deni. |
| 4.Louis Pasteur ivvinta l-metodu | | li n-nies jibdew jgħallu l-ħalib. |

**It-Tieni Taqsima** (20 marka)

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**Is-Siġġu li Jitbandal**

*L-Ewwel Parti*

"Ajma ħej, kemm saret tqila is-Sinjura Nen. Ma nafx kemm se ndum niflaħha fuqi. Issa ilni hawn madwar għoxrin sena. M'għadnix żagħżugħ, sabiħ u b'saħħti. Insomma aħjar nieqaf ingerger u nibda nitbandal," qal is-siġġu li jitbandal. (*par.1*)

Wenzu, ir-raġel tas-Sinjura Nen, kien xtrahulha bħala rigal meta twieled l-ewwel u l-uniku iben tagħhom, Ġanni. Kemm kienet ferħet bih is-Sinjura. Kienet issibu komdu wisq biex tbennen lil Ġanni li dan malajr kien jagħlaq għajnejh u jorqod.

"Dak kien żmien ieħor," ħaseb bejnu u bejn ruħu s-siġġu. "Is-Sinjura Nen kienet ħafna irqaq u jien kont fl-aħjar tiegħi." (*par.2*)

Is-siġġu li jitbandal sab ruħu jaħseb f'dak iż-żmien meta Ġanni ta' tifel żgħir li kien jitla' fuqu u jipprova jitbandal hu wkoll. Iżda mhux dejjem kien jirnexxilu. Imbagħad, meta ħadd ma kien ikun iħares, is-siġġu kien jagħtih imbuttatura u Ġanni erħilu jifraħ u jidħak kemm jiflaħ meta kien iħoss ruħu jitbandal 'il fuq u 'l isfel. (*par.3*)

Waqt li s-Sinjura Nen qamet bil-mod minn fuq is-siġġu, dan żaqżaq xi ftit u t-tnejn flimkien tennew, "Ajma jaħasra kemm xjaħna!" U s-Sinjura Nen ħarġet mill-kamra biex tmur tagħmel kikkra te' għaliha u għar-raġel tagħha.

Wara ftit, is-siġġu waqaf jitbandal u waqgħet ħemda kbira fil-kamra. (*par.4*)

(Marka għal kull waħda = 8 marki)

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa.**

| | | |
|---|---|---|
| 1a | Din l-istorja qed tirrakkontaha s-Sinjura Nenn. | |
| 1b | Din l-istorja qed jirrakkontaha s-siġġu. | |
| 1ċ | Din l-istorja qed jirrakkontaha Ġanni. | |

| | | |
|---|---|---|
| 2a | Is-siġġu kien magħmul mill-ħadid. | |
| 2b | Is-siġġu kien magħmul mid-drapp. | |
| 2c | Is-siġġu kien magħmul mill-injam. | |

3. Is-Sinjura Nenn kienet

| | | |
|---|---|---|
| a | mara avvanzata. | |
| b | mara żgħira. | |
| ċ | mara xiħa. | |

4. Mill-1 paragrafu sib **verb kwadrilitteru**

_______________________________

5. Agħti l-**għerq tal-verb 'ibennen'**

_______________________________

6. Mit-3 paragrafu sib **aġġettiv**

_______________________________

7. Mis-silta sib **frażi** li tfisser '**kont għadni żgħir**'

____________________________________

8. Agħti l-**plural** ta' '**żagħżugħ**'

______________________________

*It-Tieni Parti*

Ma tantx dam rieqed għax fil-kamra dlonk daħlu s-Sinjura Nen u Wenzu.

“Sar iżaqżaq wisq Wenz,” qalet is-Sinjura.

“Mhux xorta, għadu jaqdik,” qalilha Wenzu.

“Imma m’għadux sabiħ u jleqq, “ sostniet is-Sinjura Nen. (*par.5)*

Is-siġġu stenbaħ u fetaħ par widnejn daqshekk għax ġie xi jgħidlu li dan kollu kliem għalih.

“Dik ħaġa żgħira, Nen, issa nagħtih lagħqa lostru u jerġa’ jiġi ġdid, xi tgħid?” qal Wenzu.

“Heqq, insomma, ngħidlek il-verità xtaqt nixtri siġġu ieħor. Inbidlu ftit, ma tafx,” qalet is-Sinjura.

Is-siġġu li jitbandal baqa’ b’ħalqu miftuħ u l-għaraq beda jxoqq għalih. (*par.6)*

“Nen, jien ħsibtek għandek qalbek marbuta ma’ dan is-siġġu, daqskemm ilu għandna,” qal Wenzu.

“Veru, għax iġibli ħafna memorji sbieħ. Però issa nixtieq li nixtri wieħed ġdid.”

“Prosit għaliha s-Sinjura Nen,” qal irrabjat is-siġġu. Dan hu l-grazzi li nieħu ta’ kemm qgħadt inbandalha, ta’ kemm kont ta’ wens għaliha.” (*par.7)*

Wenzu u s-Sinjura Nen iddeċidew li jmorru jixtru siġġu ieħor peress li dak tal-għamara barra mir-raħal kellu roħs speċjali. Wara xi sagħtejn waslu lura u magħhom kellhom siġġu ieħor li jitbandal. Nena malajr neħħiet is-siġġu l-antik u poġġiet il-ġdid minfloku.

“Issa x’se nagħmlu bl-antik,” ħaseb Wenzu. (*par.8)*

Is-Sinjura Nen malajr kellha soluzzjoni li tistaqsi lil Zaren tal-kantuniera jridux għalih. Zaren kien iħobb iżomm kollox u ma jarmi xejn. Dawn kienu l-aħħar

mumenti fid-dar tas-Sinjura Nen. Zaren laqgħuh b'idejh miftuħa. Issa kien ser jibda ħajja ġdida għand dan is-sinjur. Min jaf x'hemm lest għalih? (*par.9)*

**Anna Baldacchino** – *Sagħtar*

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek:** (8 marki)

1. Kif inhi l-kundizzjoni tas-siġġu? *(par.5)*

______________________________________________

______________________________________________ (*marka)*

*2.* X'kienet ix-xewqa tas-Sinjura Nenn? *(par.6)*

______________________________________________

______________________________________________ (*marka)*

3. Ta' min kien il-favorit?

______________________________________________ (*marka)*

4. Minn fejn marru jixtru s-siġġu l-ieħor, Wenzu u s-Sinjura Nenn? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________ (2 *marki)*

5. Minn paragrafu 7 fittex il-**frażi** fejn is-siġġu juri kemm kien iddispjaċut.

______________________________________________ (*marka)*

6. Fejn jinsab issa s-siġġu? *(par.9)*

______________________________________________ (*marka)*

7. Agħżel it-tajba.

**Laqgħu b'idejh miftuħa** tfisser ( laqgħu bil-ġoff, ma ridux , feraħ bih)

(*marka)*

**Ċ. Aħdem dawn il-mistoqsijiet billi żżomm f'moħħok iż-żewġ partijiet tal-istorja:**

**(4 marki)**

1. X'għoġbok l-iktar minn dak li qrajt fl-istorja.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________*(2 marki)*

2. Taħseb li s-siġġu kien kuntent jew le? Għaliex

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

---

TMIEM IL-KARTA